MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 104/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597), ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha Romano Cassar a bazi tal-polza ta` assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Romano Cassar (ID 341856 M)**

**Vs**

**Jason Joseph Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta` Jannar, 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta` tliet mija u erbgha u sittin lira u erbgha u erbghin centezmu, (Lm364.44), rapprezentanti valur ta` danni subiti bhala rizultat ta` incident stradali li sehh fis-16 ta` Lulju, 2003, ghal habta tat-3.30 pm gewwa Triq Durumblat, Mosta, bejn il-vettura proprjeta` ta` l-attur

Cassar, bin-numru ta` registrazzjoni CBI 016 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta` registrazzjoni CAM 049, ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 25 ta` Awissu, 2004 u ta` l-ittra ufficcjali li qed tintbaghat kontestwalment ma` dana l-att lis-socjeta` assikuratrici Elmo Insurance Limited u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta` l-imsemmija ittra ufficcjali tal-25 ta` Awissu, 2004, kontra l-konvenut li jibia` ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 31 ta` Jannar, 2005, fejn giet ikkontestata t-talba attrici fis-sens illi allega li kienet Carmela Cassar responsabbli ta` l-incident in kwistjoni li kienet qed issuq il-vettura ta` l-attur u fi kwalunkwe kaz, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni in kwistjoni. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

Illi skond kif dan l-incident gie rappurtat lill-ufficcjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, iz-zewg sewwieqa bazikament qabblu dwar il-mod kif sehh l-incident in kwistjoni. (Vide Dok. RF 1, AS 1 u AS 2). Iz-zewg vetturi kienu niezlin minn Triq id-Durumblat, gejjin minn Ta` Qali, sejrin fid-direzzjoni tal-Mosta. Hekk kif il-konvenut kien qieghed jaghmel manuvra ta` sorpass lill-vettura misjuqa minn Carmela Cassar, din ta` l-ahhar kellha tiehu azzjoni evasiva istantaneja billi gibdet lejn il-lemin taghha minhabba vettura ohra li hargitilha il-barra minn triq sekondarja, minn naha tax-xellug taghha. Dan ir-rapport u skizz anness gie konfermat bil-gurament mill-ufficcjal tal-pulizija in kwistjoni cioe` minn PS 1174 Adrian Sciberras.

Carmela Cassar ikkonfermat bil-gurament taghha din il-verzjoni u spjegat li kisret il-barra hekk kif rat il-vettura hierga ghal go fiha minn naha tax-xellug taghha sabiex ma tolqotx l-istess vettura u kif ukoll peress illi minn

faccata, ma kien hemm ebda traffiku gej fid-direzzjoni taghha. Kif kienet qed taghmel din il-manuvra evaziva *hazte,* daqqa fuq in-naha tal-lemin tal-vettura taghha li rrizulta li kienet kawzata mill-vettura tal-konvenuta li laqtitha, hekk kif kienet qed tipprova tissorpassha. Ma` l-impatt, Carmela Cassar tghid illi hija waqfet il-vettura taghha filwaqt li l-konvenut baqa` sejjer pero` ftit wara waqaf u rriversja lura. Tissokta tghid illi meta ghamlet il-manuvra biex tevita l-vettura l-hamra, hija spiccat miexja pjuttost fuq il-lemin tat-triq u kwindi jekk dan huwa minnu jfisser illi l-konvenut kien qed jaghmel manuvra ta` sorpass fuq il-karreggjata tan-naha l-ohra tat-triq. Dan pero` gie negat mill-ufficcjal investigattiv li sostna li l-vettura CAM 049, misjuqa mill-konvenut baqghet fuq il-karreggjata taghha tat-triq, fil-kors tal-manuvra ta` sorpass. Din l-affermazzjoni tal-pulizija pero` ftit li xejn tista` tistrieh fuqha jekk jirrizulta kif qalet Carmela Cassar li l-konvenut baqa` miexi wara l-habta u in segwitu rega` rriversja lura. In kontro ezami Carmela Cassar tghid illi ma tiftakarx jekk harsitx mill-mera qabel ma ttentat il-manuvra evasiva biex tara humiex gejjin vetturi minn warajha.

Illi l-konvenut ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-verzjoni tieghu bil-gurament huwa naqas li jaghmel dan u anqas ma gab provi ohra in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu, ghalkemm fil-kaz in ezami gia` hareg car dwar id-dinamika ta` l-incident inkluza l-verzjoni tal-konvenut, anke fin-nuqqas tax-xhieda tieghu.

Illi dan l-incident si tratta dwar zewg vetturi miexjin wara xulxin fi triq principali. Il-vettura ta` quddiem giet kostretta tigbed il-barra, f’salt bhala manuvra evasiva istantanea sabiex tevita vettura ohra li harget minn triq sekondarja. Kif qalet Carmela Cassar bil-gurament taghha, hija ma kellhiex wisq xelta inkella kienet tahbat mal-vettura li hargitilha. Din il-manuvra pero` ghamlitha peress li nnotat li ma kienux gejjin vetturi minn faccata taghha. Mill-banda l-ohra, il-konvenut li kien qed jaghmel manuvra ta` sorpass kellu l-obbligu li tali manuvra seta` jaghmilha b’mod u manjiera li ma jkunx ta` periklu sew ghall-vettura ta` quddiemu u kif ukoll ghat-traffiku in generali li jista` jkun ghaddej f’dak il-mument. Jidher ghalhekk li l-

konvenut naqas minn dan l-obbligu tieghu stante li l-impatt sehh fil-kors tas-sorpass tieghu peress illi ma anticipax l-azzjoni evasiva da parti ta` Cassar meta harget il-vettura l-ohra mit-triq sekondarja. Jigi notat pero` wkoll li t-terz injot ukoll kellu sehem mhux daqstant zghir fir-responsabbilita` ta` l-incident in kwistjoni u t-Tribunal huwa tal-fehma li l-impatt in kwistjoni sehh per konsegwenza tan-negligenza adoperata fis-sewqan kemm mill-konvenut u kif ukoll mit-terz injot f'sehem indaqs bejniethom.

Illi l-kwantum tal-hsarat gew soddisfacentement ippruvati tramite d-dokumenti ezebiti minn Dok. RF 2 sa Dok. RF 5.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet ta` l-atturi in parte fis-sens illi jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni f'sehem ta` hamsin fil-mija filwaqt li r-responsabbilita` ta` l-istess ghar-rigward in-nofs l-iehor, jinkombi fuq it-terz injot u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` €424.46 (Euros) gia Lm182.22, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u filwaqt li l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tieghu ta` din l-istanza ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez gudizzjarji ta` l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------